# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

30 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża C-392/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Baranya Megyei Bíróság (l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' April 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Ottubru 2009, fil-proċedura

**Uszodaépítő kft**

vs

**APEH Központi Hivatal Hatósági Főosztály,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász, J. Malenovský u D. Šváby, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,
Reġistratur: R. Grass,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Ungeriż, minn J. Fazekas, M. Fehér u Z. Tóth, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. D. Simon, bħala aġent,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 17 u 20 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta'

taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/115/KE, tal-20 ta' Diċembru 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 352, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva") kif ukoll tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Uszodaépítő kft u l-APEH Központi Hivatal Hatósági Főosztály, (l-uffiċċju prinċipali tal-amministrazzjoni ċentrali tal-kontribuzzjonijiet u tal-kontroll finanzjarju, iktar 'il quddiem l-"APEH"), dwar ir-rifjut minn dan tal-aħħar li jħalli lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tnaqqas, mill-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") li hija kellha tħallas, il-VAT marbuta ma' xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kienu ġew ipprovduti lilha.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), skont l-Artikoli 411 u 413 tagħha, ħassret u ssostitwiet, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-VAT, b'mod partikolari s-Sitt Direttiva. Skont il-premessi 1 u 3 tad-Direttiva 2006/112, kien meħtieġ li s-Sitt Direttiva titfassal mill-ġdid sabiex id-dispożizzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-VAT jiġu ppreżentati b'mod ċar u razzjonali bi struttura u formulazzjoni mfassla mill-ġdid iżda, fil-prinċipju, mingħajr ma jsir tibdil materjali. Għalhekk,

id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 huma, essenzjalment, identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tas-Sitt Direttiva.

4 Skont l-Artikolu 167 tad-Direttiva 2006/112, li jirriproduċi t-termini tal-Artikolu 17(1) tas-Sitt Direttiva, id-"[d]ritt ta' tnaqqis iseħħ fil-ħin meta t-taxxa mnaqqsa tiġi imposta".

5 L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva 2006/112, li huwa fformulat b'termini essenzjalment identiċi għal dawk tal-Artikolu 17(2)(a) tas-Sitt Direttiva, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-Artikolu 28f(1) ta' din l-aħħar direttiva jipprovdi:

"Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mill-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra".

6 L-Artikolu 178 tad-Direttiva 2006/112, li essenzjalment jirriproduċi t-termini tal-Artikolu 18(1) tas-Sitt Direttiva, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-punt 2 tal-Artikolu 28f ta' din l-aħħar direttiva, fih id-dispożizzjonijiet segwenti:

"Biex teżerċita d-dritt għal tnaqqis, persuna taxxabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

[…]

f) meta tkun meħtieġa tħallas il-VAT bħala konsumatur fejn japplikaw l-Artikoli 194 sa 197 u l-Artikolu 199, hi għandha tkun konformi mal-formalitajiet kif stabbiliti minn kull Stat Membru."

7 L-Artikolu 199(1)(a) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li lilha jsiru l-fornimenti li ġejjin:

a) il-forniment ta' xogħol ta' kostruzzjoni […]".

8 Sistema bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 199(1)(a) tad-Direttiva 2006/112 hija magħrufa bid-denominazzjoni abitwali ta' "reverse charges" u kienet prevista preċedentement mill-Artikolu 21(1) tas-Sitt Direttiva.

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

9 L-Artikolu 127(1)(a) tal-Liġi CXXVII tal-2007 dwar il-VAT (Általános forgalmi adóról szóló 2007. évi CXXVII törvény, iktar 'il quddiem il-"liġi ġdida dwar il-VAT", li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, jipprovdi li "[l]-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis huwa suġġett għall-kundizzjoni sostantiva li l-persuna taxxabbli jkollha personalment [...] fattura f'isimha li tistabbilixxi t-twettiq tat-tranżazzjoni".

10 L-Artikolu 142(1)(b) tal-liġi ġdida dwar il-VAT jipprovdi:

"1) It-taxxa għandha titħallas minn min jakkwista l-oġġett jew minn min jibbenifika mis-servizz:

[...]

b) fil-każ ta' xogħol ta' kostruzzjoni [...]".

11 Skont l-Artikolu 142(7) tal-liġi ġdida dwar il-VAT, "fil-każ tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-bejjiegħ tal-oġġetti jew il-fornitur tas-servizz għandu joħroġ fattura li ma jkunx fiha la l-ammont tat-taxxa mħallsa fuq l-input u lanqas ir-rata [...]".

12 L-Artikolu 169(k) tal-liġi ġdida dwar il-VAT jipprovdi:

"Il-fattura għandha, b'mod obbligatorju, ikun fiha l-elementi segwenti:

k) […] fil-każ fejn l-akkwirent tal-oġġetti jew il-benefiċjarju tas-servizz huwa l-persuna taxxabbli, riferenza għal regola ta' liġi jew riferiment ċar ieħor għall-fatt li l-bejgħ tal-oġġetti jew il-provvista tas-servizz:

[…]

kb) huwa suġġett għal taxxa fuq l-akkwirent tal-oġġett jew fuq il-benefiċjarju tas-servizz".

13 L-Artikolu 269(1) tal-liġi ġdida dwar il-VAT jipprovdi wkoll:

"Fil-każ fejn kemm il-liġi preżenti kif ukoll il-liġi LXXIV tal-1992 dwar il-VAT [iktar 'il quddiem il-'liġi qadima dwar il-VAT'] jiddeterminaw fil-każ ta' persuni identiċi, id-drittijiet u obbligi li għandhom jiġu implementati għal reverse charges u fir-rigward ta' tranżazzjoni taxxabbli bbażata fuq fatti identiċi, id-determinazzjoni u l-applikazzjoni tal-imsemmija drittijiet u obbligi jibqgħu esklużivament irregolati mid-dispożizzjonijiet tal-liġi [qadima] dwar il-VAT, anki sussegwentement għad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, ħlief jekk il-liġi preżenti, b'differenza għal-liġi [qadima] [dwar il-]VAT, ittemm l-obbligi konġunti, fil-każ tal-persuni kkonċernati kollha, jew timponi fuqhom obbligi inqas stretti, jew inkella tirrikonoxxi fir-rigward tagħhom drittijiet ġodda jew drittijiet supplementari. F'dan il-każ, huwa possibbli għall-persuni kkonċernati li jagħżlu, permezz ta' deċiżjoni konġunta, favur id-determinazzjoni u l-applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi, anki jekk dawn id-drittijiet u obbligi ġew stabbiliti preċedentement

għad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, bla ħsara għat-terminu ta' preskrizzjoni, taħt il-kundizzjoni li l-partijiet ikkonċernati kollha jkunu nnotifikaw id-deċiżjoni tagħhom minn qabel lill-awtorità fiskali tal-Istat, permezz ta' talba bil-miktub konġunta li l-imsemmija awtorità għandha tirċievi sa mhux iktar tard mill-15 ta' Frar 2008. L-ebda talba għat-tneħħija tad-dekadenza ma tkun tista' tiġi ppreżentata wara l-iskadenza tat-terminu. F'dan il-każ, dikjarazzjoni supplementari tkun tista' titwettaq mingħajr ma' jkun hemm lok għal ebda penali minħabba dewmien".

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkonkludiet kuntratt ġenerali ta' turnkey, fid-9 ta' Ġunju 2006, ma' NÁS MPS-4 kft, l-entità li ħarġet il-kuntratt, dwar xogħol ta' kostruzzjoni. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali wettqet l-imsemmija xogħlijiet permezz ta' diversi subappaltaturi.

15 Ix-xogħlijiet bdew fir-rebbiegħa tal-2007, iżda ġew interroti waqt is-sajf tal-istess sena, minħabba problemi ta' natura finanzjarja. Is-servizzi pprovduti sa din l-interuzzjoni ġew iffatturati. Kemm ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kif ukoll is-subappaltaturi tagħha ssodisfaw l-obbligi tagħhom ta' dikjarazzjoni u tal-ħlas tal-VAT skont il-liġi qadima dwar il-VAT.

16 Fl-14 ta' Frar 2008, wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi ġdida dwar il-VAT, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-entità li ħarġet il-kuntratt u s-subappaltaturi, permezz ta' deċiżjoni konġunta u skont l-Artikolu 269(1) tal-liġi msemmija, talbu l-applikazzjoni

tad-dispożizzjonijiet tal-liġi ġdida fuq ix-xogħlijiet imwettqa kemm abbażi tal-kuntratt bejn ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-entità li ħarġet il-kuntratt kif ukoll ta' dawk konklużi bejn l-imsemmija rikorrenti u s-subappaltaturi tagħha (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-14 ta' Frar 2008").

17 Fit-tmiem ta' kontroll imwettaq mill-amministrazzjoni fiskali tad-dikjarazzjoni tal-VAT ippreżentata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali abbażi tas-sena finanzjarja 2007, l-imsemmija amministrazzjoni, permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Mejju 2008, stabbilixxiet li din kienet obbligata tħallas debitu fiskali f'ammont totali ta' HUF 52 822 000 għax-xhur minn April sa Settembru tal-2007. L-awtorità fiskali spjegat, f'dan ir-rigward, li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma setgħetx teżerċita dritt għal tnaqqis fuq il-bażi tal-fatturi maħruġa mis-subappaltaturi, peress li dawn il-fatturi ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi ġdida dwar il-VAT. Fil-fatt, wara d-dikjarazzjoni tal-14 ta' Frar 2008, id-dispożizzjonijiet, dwar ir-reverse charges, tal-liġi ġdida dwar il-VAT, kienu, b'mod retroattiv, applikabbli għall-fatturi maħruġa matul is-sena finanzjarja 2007. Skont l-imsemmija awtorità, il-fatturi maħruġa mis-subappaltaturi kellhom josservaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 142(7) u 169(k) ta' din il-liġi ġdida. Konsegwentement, sabiex ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tkun tista' teżerċita d-dritt għal tnaqqis tagħha skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġdid dwar il-VAT, minn naħa, is-subappaltaturi kellhom jemendaw il-fatturi maħruġa u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija rikorrenti kellha temenda d-dikjarazzjoni tal-VAT tagħha għas-sena finanzjarja 2007 billi toħroġ dikjarazzjoni addizzjonali.

18 B'deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2008, l-APEH ikkonfermat id-deċiżjoni tat-23 ta' Mejju 2008.

19 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-APEH tal-5 ta' Settembru 2008. L-imsemmija qorti tqis li l-Artikolu 269(1) tal-liġi ġdida dwar il-VAT, billi jħassar b'effett retroattiv

id-dritt għal tnaqqis eżerċitat b'mod regolari mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali abbażi tal-liġi qadima dwar il-VAT, jikser l-Artikoli 17 u 20 tas-Sitt Direttiva kif ukoll diversi prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Baranya Megyei Bíróság iddeċidiet li tissospendi d-deċiżjoni u li tippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Huwa kompatibbli mal-Artikoli 17 u 20 tas-Sitt Direttiva li dispożizzjoni ta' liġi ta' Stat Membru, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, wara li nħoloq id-dritt għal tnaqqis, timponi, għall-finijiet tat-tnaqqis tal-VAT imħallsa u ddikjarata fir-rigward ta' provvisti ta' oġġetti u ta' servizzi magħmula matul is-sena finanzjarja 2007, bidla fil-kontenut tal-fatturi u l-preżentata ta' dikjarazzjoni addizzjonali?

2) Hija kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt [tal-Unjoni], fis-sens li hija oġġettivament iġġustifikata, raġonevoli, proporzjonata kif ukoll konsistenti mal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-miżura stabbilita fl-Artikolu 269(1) tal-liġi ġdida dwar il-VAT, li skontha, jekk ir-rekwiżiti previsti f'dan l-artikolu jkunu sodisfatti, id-drittijiet u l-obbligi għandhom jiġu evalwati u applikati skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi l-ġdida, anki jekk dawn ikunu nħolqu qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, fit-terminu ta' preskrizzjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ammissibbiltà*

21 Il-Gvern Ungeriż isostni li l-kawża prinċipali ma tirrekjedix interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji legali ċċitati fid-deċiżjoni tar-rinviju. F'dan ir-rigward, dan josserva, minn naħa, li l-applikazzjoni retroattiva tad-dispożizzjonijiet tal-liġi ġdida dwar il-VAT huma bbażati esklużivament fuq manifestazzjoni espressa u spontanja tar-rieda minn naħa tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u tal-persuni taxxabbli l-oħra kkonċernati. Issa, sa fejn ir-rikorrenti fil-kawża prinċali talbet espressament tali applikazzjoni ta' din il-liġi, hija jkollha tirrispetta l-konsegwenzi ġuridiċi marbuta magħha. Min-naħa l-oħra, il-kawża prinċipali tirriżulta mill-interpretazzjoni żbaljata tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-liġi ġdida dwar il-VAT. L-imsemmija kawża tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' liġi nazzjonali u mhux tal-liġi tal-Unjoni.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, huma biss il-qrati nazzjonali li quddiemhom jitressqu l-kawżi u li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tkun ser tingħata, li għandhom jikkunsidraw, fid-dawl tal-karatteristiċi ta' kull kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja. B'konsegwenza ta' dan, meta d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola ġenerali, marbuta li tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; tal-1 ta' Ottubru 2009, Gottwald, C-103/08, Ġabra p. I-9117, punt 16, u tat-22 ta' April 2010, Dimos Agiou Nikolaou, C-82/09, Ġabra p. I-3649, punt 14).

23 Minn dan isegwi li l-preżunzjoni ta' rilevanza li hija marbuta mad-domandi preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali tista' tiġi eskluża f'każijiet eċċezzjonali biss u, b'mod partikolari, meta jkun manifestament ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni kkunsidrati f'dawn id-domandi ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Gottwald, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Issa, f'dan il-każ, indipendentement mill-fatt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali għażlet l-applikazzjoni tal-liġi ġdida dwar il-VAT u minkejja li l-għażla mwettqa minnha hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-liġi kkonċernata, xorta jibqa' l-fatt li d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi ġdida huma applikabbli għall-kawża prinċipali u li l-qorti tar-rinviju għandha xi dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri tranżitorji tal-imsemmija liġi ma' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni, minħabba l-fatt li dawn il-miżuri jostakolaw lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali milli teżerċita d-dritt tagħha għal tnaqqis tal-VAT.

25 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tal-liġi tal-Unjoni hija irrilevanti fir-rigward tad-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju qed tintalab tagħti.

26 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

*Fuq l-ewwel domanda*

27 Fir-rigward, l-ewwel nett, tas-suġġett tal-ewwel domanda, għandu jiġi kkonstatat li d-domanda tal-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 17 u 20 tas-Sitt Direttiva.

28 Madankollu, skont l-Artikoli 411 u 413 tad-Direttiva 2006/112, din tal-aħħar ħassret u ssostitwiet is-Sitt Direttiva b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

29 Għalhekk, peress li l-fatti kollha involuti fil-kawża prinċipali seħħew wara l-1 ta' Jannar 2007, hija biss l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 li hija rilevanti għal din il-kawża.

30 Il-fatt li l-qorti nazzjonali, mill-aspett formali, ifformulat id-domandi preliminari billi rreferiet biss għad-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva ma jwaqqafx lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil dik il-qorti l-elementi ta' interpretazzjoni kollha li jistgħu jkunu utli għaliha sabiex tiddeċiedi l-kawża li din għandha quddiemha, irrispettivament minn jekk tagħmilx jew le riferiment għalihom fil-formulazzjoni tad-domandi tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 2009, ČEZ, C-115/08, Ġabra p. I-10265, punt 81, u tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen, C-341/08, Ġabra p. I-47, punt 48).

31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-premessa 3 tad-Direttiva 2006/112, din tfassal mill-ġdid il-leġiżlazzjoni eżistenti fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-VAT, u b'mod partikolari tas-Sitt Direttiva, tfassil mill-ġdid li, fil-prinċipju, ma jinvolvi ebda tibdil materjali ta' din il-liġi.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-ewwel domanda li saret tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 167 u 168 tad-Direttiva 2006/112, li jikkorrispondu għad-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva msemmija fid-deċiżjoni tar-rinviju. Barra minn hekk, peress li l-ewwel domanda tirrigwarda, essenzjalment, il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT, għandu jiġi kkunsidrat li hija tirrigwarda wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 178 tad-Direttiva 2006/112.

33 It-tieni nett, fir-rigward tal-mertu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 167, 168 u 178 tad-Direttiva 2006/112, jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, fil-kuntest ta' applikazzjoni retroattiva tad-dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-reverse charges, tissuġġetta t-tnaqqis tal-VAT għall-aġġustament tal-fatturi li jirrigwardaw tranżazzjonijiet imwettqa qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi ġdida u għall-preżentata ta' dikjarazzjoni fiskali addizzjonali.

34 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li d-dritt għal tnaqqis previst fl-Artikoli 167 u 168 tad-Direttiva 2006/112 jagħmel parti integrali mill-mekkaniżmu tal-VAT u, bħala prinċipju, ma jistax jiġi limitat. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat immedjatament għat-taxxi tal-input kollha imposti fuq it-tranżazzjonijiet diġà mwettqa (sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, Pannon Gép Centrum, C-368/09, Ġabra p. I-7467, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 L-iskema tat-tnaqqis hija intiża sabiex ittaffi għal kollox lill-persuna taxxabbli mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi kollha tiegħu. Is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi, għaldaqstant, in-newtralità f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispiża fiskali tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet ikunu, bħala prinċipju, huma nfushom suġġetti għall-VAT (ara s-sentenzi tat-22 ta' Frar 2001, Abbey National, C-408/98, Ġabra p. I-1361, punt 24; tal-21 ta' April 2005, HE, C-25/03, Ġabra p. I-3123, punt 70, kif ukoll tas-6 ta' Lulju 2006, Kittel u Recolta Recycling, C-439/04 u C-440/04, Ġabra p. I-6161, punt 48).

36 Il-fatt li l-persuna taxxabbli għażlet l-applikazzjoni tal-liġi ġdida dwar il-VAT pjuttost mil-liġi qadima ma jistax fih innifsu jaffettwa d-dritt tagħha għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa, li jirriżulta direttament mill-Artikoli 167 u 168 tad-Direttiva 2006/112.

37 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT, bħal dawk previsti fl-Artikolu 178 tad-Direttiva 2006/112, peress li din hija proċedura ta' reverse charges li taqa' taħt l-Artikolu 199(1)(a) tad-Direttiva 2006/112, għandu jiġi kkonstatat li huma biss il-modalitajiet previsti fil-punt (f) tal-Artikolu 178 li huma applikabbli. Għaldaqstant, persuna taxxabbli, li bħala destinatarja ta' servizzi, hija suġġetta għall-VAT relatata magħhom, ma hijiex obbligata żżomm fattura maħruġa skont il-kundizzjonijiet formali tad-Direttiva 2006/112, sabiex tkun tista' teżerċita d-dritt għal tnaqqis tagħha, u jkollha biss tissodisfa l-formalitajiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat fl-eżerċizzju tal-għażla li hija għandha taħt l-Artikolu 178(f) tal-istess direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' April 2004, Bockemühl, C-90/02, Ġabra p. I-3303, punt 47).

38 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-formalitajiet b'hekk stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat u li għandhom jiġu osservati mill-persuna taxxabbli sabiex din tkun tista' teżerċita d-dritt għal tnaqqis tal-VAT ma jistgħux jmorru lill'hinn min dak li huwa strettament neċessarju sabiex tiġi kkontrollata l-applikazzjoni korretta tal-proċedura ta' reverse charges (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bockemühl, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

39 F'dan ir-rigward, diġà ġie deċiż li l-prinċipju ta' newtralità fiskali jeħtieġ li t-tnaqqis tal-VAT tal-input jingħata jekk ir-rekwiżiti bażiċi jiġu sodisfatti, anki jekk ċerti rekwiżiti formali tħallew barra mill-persuni taxxabbli (sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade, C-95/07 u C-96/07, Ġabra p. I-3457, punt 63).

40 Konsegwentement, meta l-amministrazzjoni fiskali jkollha l-informazzjoni neċessarja sabiex tistabbilixxi li l-persuna taxxabbli, bħala destinatarja tal-provvisti inkwistjoni, hija suġġetta għall-VAT, l-Artikoli 167, 168 u 178(f) tad-Direttiva 2006/112 jipprekludu leġiżlazzjoni li timponi, fir-rigward tad-dritt li din il-persuna għandha li tnaqqas din it-taxxa, kundizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jkollhom l-effett li jġibu fix-xejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Bockemühl, punt 51, u Ecotrade, punt 64).

41 Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-amministrazzjoni fiskali rrifjutat id-dritt ta' tnaqqis tal-VAT tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għal xogħol ta' kostruzzjoni mwettaq waqt is-sena 2007 mis-subappaltaturi tagħha, minħabba l-fatt, minn naħa, li l-imsemmija rikorrenti ma kellhiex, għall-imsemmija tranżazzjonijiet, fatturi emendati li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 142(7) u 169(k) tal-liġi ġdida dwar il-VAT, li kienu applikabbli, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2008 u, min-naħa l-oħra, li ma emendatx id-dikjarazzjoni fiskali tagħha għas-sena 2007 fuq il-bażi ta' fatturi hekk emendati.

42 L-ewwel nett, mill-proċess jirriżulta li l-kundizzjonijiet materjali imposti fl-Artikolu 168(a) tad-Direttiva 2006/112 sabiex jinkiseb id-dritt għal tnaqqis tal-VAT għandhom jiġu sodisfatti sabiex ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tkun tista' tibbenefika mill-imsemmi dritt fir-rigward tal-VAT fuq xogħol ta' kostruzzjoni mwettaq mis-subappaltaturi tagħha. Għandu jiġi rilevat li dawn it-tranżazzjonijiet tal-aħħar, fil-fatt, intużaw għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni fiskali għas-sena finanzjarja 2007, l-awtorità fiskali inkwistjoni kienet ġiet informata bil-fatt li dawn il-kundizzjonijiet materjali kienu ġew sodisfatti.

43 It-tieni nett, ma huwiex ikkontestat li, fil-mument meta l-awtorità fiskali rrifjutat id-dritt għal tnaqqis tal-VAT lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, din l-awtorità kellha, fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni fiskali għas-sena finanzjarja 2007 u tad-dikjarazzjoni

tal-14 ta' Frar 2008, l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tistabbilixxi li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, bħala destinatarja tax-xogħol ta' kostruzzjoni mwettaq missubappaltaturi tagħha, kienet suġġetta għall-VAT.

44 Hekk kif tirrileva l-Kummissjoni Ewropea, l-impożizzjoni ta' formalitajiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jista' jkollha l-effett li ġġib fix-xejn l-eżerċizzju, minnaħa tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tad-dritt tagħha għal tnaqqis.

45 Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 39 u 40 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li l-Artikoli 167, 168 u 178 tad-Direttiva 2006/112, jipprekludu l-impożizzjoni ta' formalitajiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikoli 167, 168 u 178 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi nazzjonali li, filkuntest ta' sistema ta' reverse charges, tissuġġetta t-tnaqqis tal-VAT relatata ma' xogħol ta' kostruzzjoni għar-rettifika tal-fatturi relattivi għall-imsemmija tranżazzjonijiet u għall-preżentata ta' dikjarazzjoni rettifikattiva addizzjonali, meta l-awtorità fiskali kkonċernata jkollha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tistabbilixxi li l-persuna taxxabbli hija suġġetta għall-VAT bħala destinatarja tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni u sabiex tivverifika l-ammont tat-taxxa li tista' titnaqqas.

*Fuq it-tieni domanda*

47 Fid-dawl tar-risposta mogħtija lill-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni waħda.

## Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 167, 168 u 178 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi nazzjonali li, fil-kuntesta ta' sistema ta' reverse charges, tissuġġetta t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata ma' xogħol ta' kostruzzjoni għar-rettifika tal-fatturi relattivi għall-imsemmija tranżazzjonijiet u għall-preżentata ta' dikjarazzjoni rettifikattiva addizzjonali, meta l-awtorità fiskali kkonċernata jkollha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tistabbilixxi li l-persuna taxxabbli hija suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud bħala destinatarja tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni u sabiex tivverifika l-ammont tat-taxxa li tista' titnaqqas.**

Firem